MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 43/2004

**Elmo Insurance Agency Limited u din bhala agenta f'Malta tas-socjeta' assikurattrici estera Royal and Sun Alliance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha bil-polza u bil-ligi, u l-assukurat taghha David Frost**

**vs**

**Joseph Grech
Carmel Gauci**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghidu intom konvenuti ghaliex ma ghandkomx tigu kkundannati thallsu l-ammont ta' hames mija tnejn u sebghin lira maltija u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm572.23c) danni kollha sofferti minnhom per konsegwenza tal-incident stradali illi gara fl-4 ta' Dicembru 2003 fi Triq l-Imgarr Ghajnsielem, Ghawdex, bejn il-

vettura misjuqa minnek Joseph Grech bin-numru AAE 327; dik misjuqa minnek Carmel Gauci, bin-numru BBI 185 bil-konsegwenza illi inti Grech invadejt il-karreggjata tal-mittenti Frost u hbatt mal-vettura tal-esponenti bin-numru PAM 252 illi kienet ghaddejja fuq in-naha proprja taghha – liema incident gara unikament tort u htija taghkom Grech jew Gauci.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali ta' Marzu 2004 kontra tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt."

Ra r-risposta tal-konvenut Joseph Grech:

"Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut:

Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfundati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-incident meritu ta' din il-kawza sehh unikament tort ta' sewqan traskurat, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku min-naha tal-konvenut Carmel Gauci u/jew l-attur stess kif ukoll minhabba l-fatt illi l-konvenut Carmel Gauci u/jew l-attur naqas milli zzomm *a proper lookout* u di fatti l-konvenut Carmel Gauci hareg minn service road ghal go main road traffikuza minghajr ma esplora t-triq tajjeb kif kien fl-obbligu tieghu li jaghmel bil-konsegwenza illi l-esponenti habat go fih u l-vettura tieghu daret b'mod illi saret kollizjoni mal-vettura ta' l-attur u ghalhekk l-istess Carmel Gauci huwa unikament responsabbli ghall-incident;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont kif pretiz mill-attur huwa wiehed esagerat.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali responsiva ta' l-istess esponenti ta' April, elfejn u erbgha (2004).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti msejjha.”

Ra s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fl-ismijiet *Joseph Grech vs Carmel Gauci et* deciza fl-10 ta’ Dicembru 2004 maghmula minn Joseph Grech, wiehed mill-konvenuti f’din il-kawza, kontra l-konvenut l-iehor Carmel Gauci, kontra l-attrici odjerna Elmo Insurance Agency Limited u kontra l-assikurat taghha David Frost.

Ikkunsidra:

Billi l-imsemmija sentenza hija dwar l-istess incident stradali, u allura dwar l-istess mertu, u bejn l-istess partijiet dan it-Tribunal, li ssoprasjeda sakemm inqatghet il-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati, huwa marbut bil-parti decisiva tal-istess sentenza, li mhux ikkontestat li ghall-partijiet odjerni tikkostitwixxi gudikat. Skond dik is-sentenza, Carmel Gauci, konvenut fiz-zewg kawzi, gie dikjarat unikament responsabbli ghall-incident.

Din il-parti decisiva pero’ tirrigwarda biss il-konstatazzjoni tar-responsabilita’ ghall-incident u l-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti minn Joseph Grech. Id-danni sofferti minn David Frost, iridu jigi decizi minn dan it-Tribunal. Dawn gew sodisfacentement ippruvati mis-socjeta’ attrici kif jirrizulta mill-annessi ricevuti a fol 48 u 49 tal-process.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici billi jikkundanna lill-konvenut Carmel Gauci jhallasha s-somma ta’ Lm572.23c ammont ta’ danni sofferti mill-assikurat taghha, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta’ Marzu 2004.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------